# L-Espansjoni tal-Knisja

## Bil-Ħolqien ta' Parroċċi Ġodda



## Kan. Dun Joe Abela

### Parroċċa Matriċi

Is-sena 2016 hi sena storika għaż-żewġ parroċċi ġirien taż-Żejtun u Ħaż-Żabbar, għax fis-sena 1616 propju **400 sena ilu, il-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar inqatgħet mill-parroċċa Matriċi tagħha, dik ta' Santa Katarina fiż-Żejtun.** B'tifkira ta' dan l-avveniment storiku saru ċelebrazzjonijiet liturġiċi u storiċi fiż-żewġ parroċċi, kif kien jixraq. Iżda sabiex nifhmu sewwa l-importanza ta' din il-ġrajja, jinħtieġ li nagħtu ħarsa lejn l-istorja tal-Knisja Maltija, li llum xettlet għeruqha f'kull rokna tal-gżejjer Maltin, iżda mhux dejjem kien hekk.



### Parroċċa waħda

Qabel ma San Pawl ra l-għarqa f'Malta, u fit-tliet xhur li dam magħna rnexxielu jwaqqaf il-Knisja ta' Ġesù. Fostna, il-Maltin kienu Pagani li

qatt ma semgħu b'Ġesù. Il-Paganiżmu tagħhom kien imxerred sewwa fil-gżejjer Maltin. Meta San Pawl ħalla l-gżejjer tagħna, warajh ħalla l-għeruq tal-Knisja ta' Ġesù. Żgur li dakinhar ma kinux jeżistu parroċċi differenti. Għaddew bosta u bosta snin biex il-Knisja ta' Ġesù bdiet tespandi. Nistgħu ngħidu li għal madwar **elf sena sħaħ f'Malta kienet teżisti biss Djoċesi u parroċċa waħda** – iż-żewġ gżejjer taħt isqof wieħed. Jekk nistgħu ngħidu elf sena, għaliex kien hemm perjodu meta f'Malta kien hawn aktar Misilmin milli Nsara u biex tgħaqqad l-isqof ta' din id-Djoċesi waħdanija kien jgħix fi Sqallija u mhux f'Malta, b'numru żgħir ta' saċerdoti li kienu jippruvaw jilħqu t-trufijiet imbiegħda tal-gżejjer tagħna. Kien jeżisti faqar enormi!



# Żewġ parroċċi

**Kien biss fil-bidu tat-tieni millenju li d-Djoċesi ta' Malta nqasmet f'żewġ parroċċi** – kien **il-Birgu,** fin-Nofsinhar ta' Malta li ntgħażel bħala t-tieni parroċċa wara dik tal-**Imdina**. Il-Birgu kien igawdi importanza ġmielha dawk iż-żminijiet minħabba l-pożizzjoni tiegħu fil-Port il-Kbir. Nofs Malta, jiġifieri t-Tramuntana u l-Punent tal-gżira baqgħu taħt l-awtorità tal-Imdina, filwaqt li x-Xlokk u n-Nofsinhar tal-gżira bdew jgħoddu mal-Birgu. Dan ifisser li **ż-Żejtun sar parti mill-parroċċa tal-Birgu**. Mhux ta' b'xejn li kif jixhdu d-dokumenti, bejn il-Birgu u ż-Żejtun kien hemm żminijiet ta' rabta intima. Iżda l-isqof ta' Malta, jew aħjar ir-rappreżentant tiegħu, baqa' jgħix fl-Imdina, għaliex il-Katidral baqa' s-sede tad-Djoċesi. Kull parroċċa jkollha l-kappillan, jew *pastor* tagħha, bir-responsabbilità li jieħu ħsieb il-kura Pastorali tar-residenti fil-parroċċa tiegħu. Għalhekk jissejjaħ

*pastor*, jiġifieri ragħaj – s'intendi tal-erwieħ. Fi żmienna, il-maġġoranza tal-parroċċi huma territorjali, jiġifieri bil-limiti tagħhom skont l-art, iżda jeżistu wkoll parroċċi Nazzjonali, ngħidu aħna l-parroċċa tat-Taljani jew tal-Ingliżi, li t-tnejn jeżistu f'Malta. Bħalissa nsibu ż-Żejtuni Dun Ġino Gauci, Kappillan tal-Parroċċa tat-Taljani, u Dun Charles Carabott minn familja Żejtunija, Kappillan tal-Ingliżi! Din l-idea tar-ragħaj jiżviluppaha b'mod impressjonanti l-Papa Franġisku, meta qal li r-ragħaj tal-erwieħ ma jistax jibqa' fil-għoli, fuq pedistall, iżda jrid jinżel fil-wied, idur mannagħġiet tiegħu, u jxomm ir-riħa tagħhom!



## Tnax-il parroċċa

Għaddew madwar 300 sena oħra, sakemm wasal is-seklu 15. **Ftit qabel waslet is-sena 1436, sar żvilupp enormi fil-qsim tal-parroċċi.** Il-Birgu sar Matriċi għall-ewwel darba, għaliex minnu ħarġu diversi parroċċi ġodda, fosthom tagħna taż-Żejtun. Biex nużaw kelma Ingliża, ngħidu sar *breakthrough* fl-istorja Ekkleżjastika ta' Malta. Allura, barra l-Imdina bir-Rabat u l-Birgu, kellna 10 parroċċi ġodda, li kienu ż-Żejtun, iż-Żurrieq, il-Gudja, Birkirkara, in-Naxxar, Ħaż-Żebbuġ, Ħal-Qormi, is-Siġġiewi, Ħad-Dingli u l-Mellieħa. Iżda dawn it-tnejn tal-aħħar wara spiċċaw minn parroċċi minħabba l-biża' ta' xi nżul mit-Torok. Snin wara saru parroċċi mill-ġdid. B'dawn il-parroċċi ġodda l-Insara ta' dawn il-gżejjer setgħu aħjar jaqdu d-dmirijiet tagħhom reliġjużi.



## Il-Ħolqien ta' numru kbir ta' parroċċi

Fit-tliet sekli ta' wara nħolqu numru kbir ta' parroċċi oħra. Biex insemmu xi ftit: miż-Żejtun ħarġu Ħaż-Żabbar u Ħal Għaxaq; mill-Birgu ħarġu Bormla u l-Isla; mill-Gudja ħarġu ħafna parroċċi, fosthom Ħal Kirkop, Ħal Tarxien, l-Imqabba u Ħal Luqa; minn Ħal Qormi, li l-limiti tiegħu kienu jestendu sal-Għolja Xiberras, ħarġu ż-żewġ parroċċi importanti tal-Belt Valletta, San Duminku u San Pawl; minn Birkirkara ħarġu Ħal Lija, Ħ'Attard, Ħal Balzan; min-Naxxar ħarġet il-Mosta u miż-Żurrieq ħarġu Ħal Safi u l-Qrendi. Dawn huma biss xi ftit eżempji. Hekk sas-seklu 18, il-parroċċi f'Malta kienu żdiedu sewwa fin-numru. U issa, mhux bħal qabel, kull parroċċa kellha numru sew ta' qassisin iservu fiha. Forsi anke kienu żżejjed, għaliex f'ċerti parroċċi, speċjalment fil-Belt Valletta u l-Kottonera, in-numru ta' qassisin kien ilaħħaq bejn 60 u 80! Fiż-Żejtun l-akbar numru kien f'nofs is-seklu 18, meta kien hawn madwar 40 qassis!

## 70 parroċċa

Dawn l-aħħar żewġ sekli raw in-numru ta' parroċċi



jiżdied sewwa, **speċjalment bil-ħolqien ta' parroċċi viċin il-baħar**: San Pawl il-Baħar, Marsaxlokk, Birżebbuġa, Wied il-Għajn, il-Furjana, l-Imsida, tas-Sliema, San Ġiljan, il-Mellieħa u Ħad-Dingli mill-ġdid. Fil-Belt Valletta rajna tinħoloq il-parroċċa ta' Santu Wistin. Hekk fi żmienna n-numru ta' parroċċi għadda s-sebgħin. Xejn ma sar b'kapriċċ, għalkemm ġieli kien hemm xi kappillani li nħasdu meta l-parroċċa tagħhom inqasmet! Il-Fgura ħarġet minn erba' parroċċi, kif jixhed il-monument tal-erba' kolonni li nsibu fit-triq prinċipali!
Din fil-qosor kemm jista' jkun hija **l-istorja tal-qsim tal-parroċċi fil-gżira ta' Malta.** Għawdex infired mid-Djoċesi ta' Malta fis-seklu 19. Naraw li ħafna parroċċi, b'dan il-qsim, saru Matriċi u wkoll Arċi-Matriċi, bħalma sar iż-Żejtun meta Wied il-Għajn infired minn Ħaż-Żabbar. Il-Knisja, Omm Ħanina, dejjem ħarset lejn il-ġid spiritwali tal-erwieħ.
Illum, għall-grazzja t'Alla, għandna knejjes parrokkjali mxerrdin ma' Malta kollha. Ebda Malti jew Maltija, ma jistgħu jgħidu li ma għandhomx viċin fejn jaqdu d-dmirijiet spiritwali tagħhom.